MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 2/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**
**V**

**ALBERT XERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALBERT XERRI** ta' erbgha w erbghin sena bin Carmel u Pauline nee Farrugia, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Settembru1960 u residenti ‘Witamy House’, Triq Santa Duminka, Victoria, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 53060G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’dan il-Gzejjer, fit-tlieta ta’ Lulju 2004 permezz ta’ ittra mibghuta fuq struzzjonijiet tieghu, akkuza lil Vitorin Galea mat-Tribunal dwar l-Afarijiet tal-

Konsumatur b'reat [serq] filwaqt li kien jaf li lil Vitorin Galea ma kienetx hatja tal-akkuza ntavolata kontra taghha;

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, u permezz tal-istess ittra, bil-hsieb li jgieghel lil Frances Muscat li tiddistruggi jew tirtira ilment li hija ntavolat mal-imsemmi Tribunal, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra lil Vitorin Galea jew li jaghtiha malafama bhal hatja ta' reat;

3. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, u permezz tal-istess ittra, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh tal-imsemmija lil Vitorin Galea, wegghha u naqsilha unurha.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 [fol 39] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Novembru 2005 [fol 44].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhieda prodotta mid-difiza.

Rat n-nota ta'sottomissjonijiet ta' Vitorin Galea ppresentata nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2006 [fol 54] u tal-imputat ippresentata nhar t-tnejn ta' Frar 2006 [fol 61].

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2005 **xehdet Frances Muscat** [fol 15] fejn qalet li l-imputat ghandu hanut jismu 'Classico' fi Triq il-Palm, Victoria, Ghawdex. Qalet li nhar s-sbatax

ta' Gunju 2004, hi marret tixtri minghandu xi hwejjeg tal-irgiel u xtrat qalziet u qmis u staqsietu jekk ikun il-kaz li ma jiguhx lir-ragel, setghetx tibdilhom u hu qalilha li iva bir-rizultat li jaghtiha *credit note*.

Qalet li xtrathom u marret d-dar bihom u meta r-ragel ippruvhom, ma gewhx u marret lura l-hanut fejn sabet lis-*salesgirl* tal-imputat li hadithomlha u tatha xi hwejjeg ohra flokhom. Qalet li hi staqsietha jekk fil-kaz li ma jiguhx kienetx ser tibdilhomlha u s-*salesgirl* qaltilha li iva w ghalhekk regghet marret d-dar bihom.

Kompliet tghid li t-Tnejn ta' wara regghet marret l-hanut fejn sabet lis-*salesgirl* u talbitha *credit note* u qaltilha li filghaxija kien ser imur ir-ragel taghha u fil-fatt hekk ghamlu, marret hi w r-ragel taghha filghaxija.

Qalet li kif kienu hemmhekk s-*salesgirl* qaltilha li ma setghetx taghtiha *credit not*e ghaliex sid il-hanut kien ordnalha hekk u telqet mill-hanut bil-hwejjeg. Qalet li dakinhar stess, aktar tard filghaxija regghu marru fil-hanut fejn sabu lil imputat li hu sid il-hanut w is-*salesgirl*.

Qalet li waqt li hi w r-ragel kienu qed ibiddlu l-qalziet, s-*salesgirl* qaghdet titkellem ma ommha. Qalet li zewgha ma giehx il-qalziet u ma ghogbu xejn mill-hanut u talab *credit note* lil imputat u dan irrifjuta u zewgha qallu li kienu ser ikellmu lil tal-konsumatur u l-imputat rrispondihom b'mod vulgari. Qalet li nel frattemp ommha kienet lahqet biddlet il-hwejjeg li kienet xtrat hi.

Qalet li effettivament kienu marru jaghmlu rapport ghand tal-Konsumatur. Ziedet tghid li sussegwentement l-imputat sar jaf li kienu marru ghand t-Tribunal dwar l-affarijiet tal-Konsumatur u kitbilhom ittra fejn fiha allega li kienu serquh. Ix-xhud esibit din l-ittra li huma baghtu li giet mmarata bhala dokument MS [fol 17]. Qalet li hi kienet marret ghand l-avukat taghha bl-ittra u talbitu jirispondiha. Ikkonfermat li dak li hemm fl-ittra li kitbu huma huwa kollu veritier ghaliex fil-fatt huma ma serqu xejn. Mistoqsija kif dik l-ittra giet f'idejha, ix-xhud wiegbet li kien tahilha certu Michael Vella rappresentant tad-

divisjoni tal-konsumatur u kompetizzjoni. Qalet li ommha w is-salesgirl kienu mal-*counter* waqt li hi u zewgha u l-imputat kienu mal-'island' li hemm f'nofs il-hanut u kien hemm distanza ta' cirka sebgha piedi bejnha u bejn s-*salesgirl*. Qalet li hi fl-ebda hin ma semghet lil imputat jindirizza lil ommha dwar xi haga li kellha fil-basket taghha u fl-ebda hin ma dawn avvicinaw lil ommha biex johorgulha xi bermuda mill-basket taghha. Qalet li hi rat lil ommha tohrog il-bermuda mill-basket taghha biex tibdlu. Ix-xhud qalet li ma kienx minnu dak li gie allegat mid-difiza, li qabel ommha harget mill-hanut, mill-basket hargu erbgha bermudas.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2005 **xehed Salvu Muscat** [fol 19] fejn qal li lil imputat jafu peress li ghandu hanut t-Rabat u jixtri minghandu regolarment. Qal li jum minnhom meta kien Father's Day tas-sena 2004, l-mara tieghu kienet xtratlu xi hwejjeg li fil-fatt ma kienux gewh w ghalhekk martu marret tibdilhomlu biex iggiblu size akbar, pero s-salesgirl ma kellhiex u dawk li gabitlu lanqas ma ghogbuh. Qal li ghalhekk regghu' marru jibdluhom flimkien u l-imputat qallu biex jara x'kien hemm jghodd ghalih u jibdilhom.

Gara li mill-hwejjeg li pprova ma rega' ghogbu xejn u talbu *credit note*, pero l-imputat qallu li *credit note* ma setghax jaghtih. Qal li hu qal lil imputat sabiex jaghtih ftit cans sabiex jara jghogbux xi haga mill-kunsinna l-gdida li jkollu pero l-imputat beda jghajjat u qallhom li ma ried jaf b'xejn u martu qalet lil imputat li kienet ser tirrappurtah lil tal-Konsumatur. Qal li x'hin sema' dan, l-imputat dar fuqhom u waqt li beda jkellimhom hazin, qalilhom "Aghmlu li tridu" u huma telqu lil hinn. Qal li hu u martu baqghu hergin mill-hanut bil-hwejjeg li kien xtara qabel peress li *credit note* l-imputat ma riedtx jaghtihom. Qal li f'dik l-okkazzjoni martu kienet biddlet wkoll xi bermudas li kienet xtrat fejn f'dik l-okkazzjoni kienet qdietha s-*salesgirl* u ma kelliex problemi maghha. Qal li meta kienet fil-hanut hadd ma semma xejn dwar xi serq ta' xi hwejjeg. Zied jghid li fl-ebda hin ma l-imputat dar fuq omm l-mara w allega li kienet serqitlu xi bermudas jew talabha biex tizvojta l-basket li kellha qabel ma hargu mill-hanut. Qal li l-

imputat qatt ma ndika jew ghamel xi osservazzjoni lil omm l-mara tieghu li din kellha xi affarijiet bil-basket li ma kienux taghha. Qal li kien minnu li waqt li hu u martu kienu mal-imputat, omm l-mara tieghu kienet qed titkellem mas-*salesgirl* u qdietha hi. Ix-xhud kompla jghid li hu kien mal-*counter* jitkellem mal-imputat u martu kienet ma gembu, filwaqt li omm l-mara tieghu kienet fuq il-mejda ta' nofs tinqeda hemmhekk. Mistoqsi f'liema direzzjoni kien dahru, ix-xhud qal li ma kienx jaf ghaliex hsiebu dak l-hin kien fuq hwejjgu u mhux fuq l-hwejjeg ta' omm martu. Qal li martu dakinhar xtaqet tibdel zewg bermudas u cahad li hargu b'erbgha bermudas.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2005 **xehdet Vitorin Galea** [fol 21] fejn qalet li lil imputat tafu peress li ghandu hanut u s-soltu tixtri minghandu. Qalet li f'Gunju tas-sena l-ohra, meta kien Father's Day, hi kienet marret tixtri zewg bermuadas ghal zewgha minghand l-imputat, fejn qdieha s-salesgirl tal-imputat li qaltilha li jekk ma jiguhx, setghet tmur tibdilhom u tatha *credit note* peress li huma klijenti regolari tal-istess hanut. Qalet li meta tathom lil zewgha ghal Father's Day, dawn il-hwejjeg ma gewhx w iddecidiet li tmur tibdilhom. Qalet li ommha wkoll kienet xtrat xi hwejjeg ghar-ragel taghha li lanqas ma gewh w ghalhekk marru flimkien biex jibdluhom. Qalet li meta marru, hi qaghdet tinnegozja mas-*salesgirl* fuq il-bank, pero peress li s-*salesgirl* qaltilha li ma kelliex is-size tar-ragel taghha w ghalhekk staqsietha jekk setghetx taghtih *credit note*, pero s-*salesgirl* ma rieditx. Qalet li ghalhekk qabdet zewgt iqliezet kbar w iddecidiet li tipprova tirrangahomlu. Ziedet tghid li l-qliezet li ma gewhx, poggiethom fuq il-bank u hadet tnejn godda w s-*salesgirl* tatha ricevuta taghhom li esibit bhala dokument VG [fol 23].

Kompliet tghid li sadanitant l-imputat, li gharfet presenti fl-awla, kien qed jinnegozja mar-ragel ta' bintha u bintha. Qalet li x'hin kienu hergin mill-hanut semghet lil bintha tghid lil imputat biex jaghtiha *credit note* pero dan ma riedtx u daret fuqu u qaltlu "Issa tara tagthiniex *credit note*. Minn hawnhekk ghand tal-Konsumatur mmur". Qalet li l-imputat fl-ebda hin ma mar fuqha u battlilha l-basket taghha u qatt m'allega li kienet serqitu xi haga tal-hwejjeg.

Qalet li marru ghand tal-Konsumatur l-ghada, fejn certu Michael Vella kien kiteb lil imputat dwar r-rapport li ghamlu peress li x'hin ipprova jcempillu, ma setghax isibu. Qalet li sussegwentement irceviet ittra minghand tal-Konsumatur fejn fiha kien hemm allegat li kienet serqet lil tal-hanut. Hi kkonfermat d-dokument MC bhala l-ittra li kienet irceviet minghand tal-Konsumatur. Qalet li jekk fehmet l-ittra sew, biha l-imputat ried jirrikattha biex ma tkomplix bil-proceduri odjerni quddiem il-Konsumatur u fil-kaz li tipprocedi, kien ser jakkuzha quddiem il-Pulizija. Qalet li hi dehrilha li kellha tirrapporta dan il-kaz lil Pulizija, kif fil-fatt ghamlet. Ix-xhud kompliet tghid li meta kienet qed tinqeda mis-*salesgirl* tal-imputat, din harget xi sitta jew tmien bermudas fuq il-*counter* fejn thallas, mhux fin-nofs. Qalet li binha w r-ragel taghha kienu qed jinqdew fit-tarf l-iehor tal-hanut. Qalet l li qabel ma harget mill-hanut, l-imputat fl-ebda hin ma talab lis-*salesgirl* biex tfittxilha fil-basket li kellha f'idejha. Ikkonfermat li zewg bermudas biss xtrat u zewg bermudas ridet tbiddel. Qalet li mhux l-ewwel darba li l-imputat kien taha *credit note* meta marret tixtri minghandu qabel. Ix-xhud esibit fotokopja ta' ricevuta li giet mmarkata bhala dokument VG 3 [fol 24].

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2005 **xehed Michael Vella** [fol 31] fejn qal li hu mpjegat tat-Tribunal tal-Konsumatur u li f'xi zmien kien investiga lment li kien sar minn Frances Muscat u Vittorin Galea fil-konfront tal-imputat. Qal li nhar t-tlieta ta' Lulju 2004 kienu rcievew ittra li tinsab mmarkata bhala dokument MS a fol 17 tal-atti w ikkonferma li hi l-istess wahda li kien ircieva hu. Esibixxa kopja tal-ittra li d-dipartiment baghat lil imputat dokment SD [fol 33] qabel ma effettivament l-imputat baghat l-ittra dokument MS [fol 17]. Qal li flimkien ma din l-ittra hu kien baghat lil imputat formola tat-Tribunal li kienet imliet Frances Muscat dokument SD 1 [fol 34]. Qal li fl-ittra li kienet baghtet Frances Muscat kien hemm li l-partijiet kienu waslu fi ftehim li l-imputat kien ser johrog *credit note* fl-ammont ta' sebgha w tletin lira li jissarraf fi hwejjeg fi zmien xahar mill-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 u jekk f'dan iz-zmien ma tintuzax, ma jkolliex aktar effett.

Illi nhar s-sbatax ta' Novembru 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 45] fejn qal li t-Tnejn l-ghada tal-Father's Day 2004, kienu marru fil-hanut tieghu, Vitorin Galea, Frances Muscat u zewgha, filghaxija sabiex jbiddlu xi hwejjeg li kienu xtraw qabel. Qal li hu kien qed jaqdi lil Frances Muscat fuq hwejjeg li kienet xtrat jumejn qabel, s-Sibt, u s-*salesgirl* tieghu kienet qed taqdi lil Vitorin Galea li kienet marret tibdel zewg bermudas li kienet xtrat tlett gimghat qabel. Qal li f'hin minnhom Frances Muscat qaltlu li ma kien ghogbha xejn mill-hanut u xtaqet li tinghata *credit note* u peress li l-hanut kien stokkjat tajjeb u kien fl-eqqel tas-sajf, qalilha biex tiehu xi haga mill-hanut, pero hi baqghet tinsisti ghal *credit note* u ghalhekk offrilha *credit note* limitata ghal zmien pero hija xtaqet li din il-*credit note* tkun miftuha.

Qal li waqt li kienu hergin mill-hanut innota li Vitorin Galea kellha basket goff ghal zewg bermudas w ghalhekk gibed l-attenzjoni tas-*salesgirl* tieghu dwar dan sabiex tfittxilha fil-basket u s-*salesgirl* hatfitilha l-basket minn idejh, fethitu u sabet li kien hemm erbgha bermudas flok tnejn u cioe t-tnejn li kienet xtrat u tnejn ohra. Qal li nnota li l-basket kien goff peress li kien ilu jsegwiha fil-hanut kemm dakinhar kif wkoll f'okkazzjonijiet ohra. Qal li dak l-hin inqalghet konfusjoni fil-hanut u dawn telqu mill-hanut. Zied jghid li s-Sibt ta' qabel, hi kient marret fil-hanut tieghu meta dak l-hin kellu hafna nies biex tbiddel xi qalziet li kienet xtrat filghodu, u kienet thalliet tkejjel hi u f'hin minnhom kienet marret fuqu u qaltlu li riedet l-flus lura w ghalhekk haseb hazin fiha u kien ghalhekk li dakinhar tal-incident tat-Tnejn, hu qaghad ghassa taghha. Qal li dakinhar hu kien taha l-flus lura. Qal li lil tal-Konsumatur hu kien qalilhom f'ittra li kien baghat li hu kien lest li jaghtiha *credit note* pero ghal zmien limitat, ghal zmien xahar minn meta marret fil-hanut. <u>Qal li l-parir li kien tah l-avukat tieghu kien li jmur jaghmel rapport l-Ghassa, pero peress li hu kien gabar hwejjgu, ma dehrlux li kellu ghalfejn imur jaghmel rapport</u>.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **rega' xehed l-imputat in kontr'ezami** [fol 50] fejn qal li kif qal fix-xhieda precedenti tieghu, hu lest li jaghtihom *credit note* ghal zmien limitat.

Qal li ma riedtx li tmur bil-*credit note* meta jkollu s-sale w ghalhekk ma riedtx li jaghtiha *credit note* miftuha. Qal li dakinhar tal-incident, li kien jum t-Tnejn, fil-hanut kien hemm Vitorin Galea, Frances Muscat u zewgha, hu w s-*salesgirl*. Qal li ma kien hemm hadd izjed. Qal li Frances Muscat ma rieditx tisraq xi hwejjeg minghandu. Meta saritlu referenza ghal ittra mibghuta minn Dottor Mario Scerri lit-Tribunal tal-Konsumatur nhar t-tlieta ta' Lulju 2004, b'mod partikolari ghat-tieni paragrafu, ix-xhud qal li minn gie fil-hanut tieghu biex jisraq hu ma setghax jghid pero hu effettivament innota li kien gie misruq. Qal li hu m'akkuzax lil Frances Muscat b'serq ghaliex fil-fatt ma rahiex tisraq, ghalkemm kienet flimkien ma ommha Vitorin Galea. <u>Qal li hu fl-ebda hin ma mar ghand l-Pulizija dwar dan il-kaz</u>. Qal li l-hanut taghhom ikun mimli nies s-Sibt, mhux meta marru t-tieni darba t-Tnejn. Qal li hu mar rax lil Vitorin Galea tpoggi z-zewg bermudas fil-basket taghha, innota biss li kellha l-basket goff ghal zewg bermudas hi u hierga mill-hanut u kien ghalhekk li gibdet l-attenzjoni tas-*salesgirl* tieghu li meta fethet l-basket taghha, fih sabet erbgha bermudas minflok tnejn.

Illi nhar s-sbatax ta' Novembru 2005 **xehdet Antoniette Camilleri** [fol 47] fejn qalet li dakinhar li sehh l-incident in kwistjoni hi kienet tahdem fil-hanut "Classico" pero m'ghadiex tahdem hemm. Qalet li kien jum t-Tnejn meta Vitorin Galea kienet marret fil-hanut tal-imputat biex tbiddel xi bermudas li kienet xtrat qabel u qdietha hi u s-sizes li kellha ma kienux tajbin ghaliha. Qalet li l-imputat dak l-hin kien fejn *counter* li hemm f'nofs l-hanut u gibdilha l-attenzjoni biex ticcekkja l-basket ta' Vitorin Galea qabel titlaq. Qalet li meta fethet l-basket li kellha sabet erbgha bermudas minflok tnejn jigifieri hadet t-tnejn li marret biex tibdel u tnejn ohra godda. Qalet li f'okkazzjoni qabel meta Vitorin Galea kienet marret ma bintha tixtri fl-istess hanut u qaghdu jduru u riedu xi flus lura, hi fil-fatt kienet irrifondiet l-flus.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **regghet xehdet Antoniette Camilleri** [fol 52] fejn in kontr'ezami qalet li dakinhar tat-Tnejn meta Vitorin Galea kienet marret tbiddel xi hwejjeg fil-hanut tal-imputat, kienet tatha diversi

bermudas sabiex taghzel minnhom u li poggiethomlha fuq il-counter pero meta fittxet fil-basket taghha sabet erbgha pari.  Qalet li ma tafx jekk haditx l-istess sizes li kienet gabet lura biex tibdel.  Qalet li dakinhar fil-hanut kienu hi, l-imputat Vitorin Galea u bintha.  Cahdet dak li gie allegat li Frances Muscat ma marritx fil-hanut jum t-Tnejn.  Qalet li kemm damet tahdem f'dak l-hanut u cioe tlett snin, dan il-kaz biss kellha.  Qalet li hi ma kellha x'taqsam xejn ma Frances Muscat, ghaliex hi qdiet lil Vitorin Galea biss.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija nnocenti."
Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Seychell** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** citata mid-difiza stess fin-nota taghha, gie deciz li:

*"L-akkuza jew denjunzja ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikexi ebda formalita partikolari, l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denuznja ssir quddiem, awtorita kompetent jigifieri quddiem awtorita li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga w eventwalment tressaq l-Qorti."*

Kif gie tajjeb imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Borg, *deciza fil-hamsa ta' Frar, 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***, tlieta huma l-elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kalunja.

*1. l-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil persuna denunzjata;*
*2. l-akkuza ssir quddiem l-awtorita kompetenti;*
*3. li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjat ikun jaf li d-denunzjat huwa nnocenti.* [vide wkoll **Rex v Caterina Debono – 12.11.19** u **Il-Pulizija v Violet Smith – Appell Kriminali – 07.06.52**]

**Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu a fol 64 tal-ktieb ***Notes on Criminal Law*** jispjega, rigward l-elementi formali ta' dan r-reat, meta jghid is-segwenti.

"*The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accused who would have merely used and not abused a right which is competent to him.*
*The knowledge or the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be <u>certain</u> so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation.*"

Illi mis-suespost, jirizulta li f'dan r-reat l-element formali jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja, strument t'ingustizzja kontra dik l-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-artikolu 101(1) tal-Kap 9 mhux bizzejjed s-semplici kliem migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz tieghu wiehed dolazment jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik l-persuna hi nnocenti, **izda** hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji **materjali** bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.

Illi din l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha n-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u bir-rispett kollu lejn l-istess parte civile, ma taqbilx *in toto* mal-kontenut taghha. Din il-Qorti ma taqbilx li t-Tribunal tal-Konsumatur ghandu jigi meqjus bhala awtorita kompetenti kif imfisser fl-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex dan t-Tribunal m'ghandux is-setgha li jinvestiga w eventwalment iressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak r-reat. Jirrizulta bic-car mix-xhieda tal-imputat, li huwa m'ghamel ebda denunzja ghand l-Pulizija u ma kellu l-ebda intenzjoni li jirrapporta l-kaz lil Pulilzija

Ezekuttiva ghaliex in effetti, kien ha hwejjgu lura. Ghalhekk din il-Qorti qed taqbel mad-difiza f’dak li rrilevat.

Illi ghalhekk, a bazi tal-mankanza ta’ dan l-element fir-reat, il-Qorti ma thossx li din l-akkuza giet ppruvata u ma thossx li ghandha tidhol u tiddiskuti l-elementi l-ohra.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta’ estorsjoni, il-Qorti wkoll ezaminat dak li kellhom xi jghidu l-parte civile w d-difiza fin-noti taghhom.

L-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li “kull min bil-hsieb li jestorcja flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qliegh jew bil-hsieb li jgieghel kull persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jhedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta’ reat jew fatt li jtellef il-gieh, ikun hati ta’ reat kontemplat taht dak l-artikolu” u kemm il-darba f’dan t-theddid, il-hati jasal fil-hsieb tieghu, il-piena tizdied skond kif provdut fis-sub artikolu 2 tal-istess artikolu.

Dan l-artikolu gie kkunsidrat *funditus* mill-kompjant **Imhallef William Harding** fis-sentenza moghtija ***fit-13 ta’ April 1957*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Edgar Apap,** kwotati mill-parte civile fin-nota taghha, fejn gie anke kkunsidrat l-impatt tal-kliem ‘qliegh’ fil-kuntest ta’ dan l-artikolu. Jidher li l-orgini ta’ dan l-artikolu huwa xi ftit oskur kif gie spjegat fl-imsemmija sentenza, pero ma hemmx dubbju li wiehed mill-element principali ta’ dan r-reat, huwa li min jikkommettih, irid ikun hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta’ reat jew ta’ fatt li jtellef il-gieh u li in oltre, dan t-thedded irid ikun akkumpanjat bl-element intenzjonali specifiku u cioe li l-hati irid jkollu l-hsieb li jestorcja flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qliegh bhala rizultat ta’ dik t-theddida.

Fis-sentenza fuq citata ta’ Edgar Apap, dik il-Qorti nterpretat il-kelma ‘qliegh’ bhala haga “ta’ valur patrimonjali’ u fil-fatt waslet ghal din l-interpretazzjoni

ghaliex anke l-piena applikabbli, f'kaz ta' htija, hija gradwata skond il-valur tal-oggett partimonjali."

Issa f'dan il-kaz partikolari, jirrizulta li l-imputat jew ahjar l-avukat difensur tieghu, baghat ittra lit-Tribunal tal-Konsumatur dokument MS esibita fl-atti a fol 17, fejn informa lil istess Tribunal, ghaliex fil-fehma tieghu, ma kienx lest jaghti *credit note* lil kwerelanti Vitorin Galea, ghaliex fil-fehma tieghu, l-istess kwerelanti kienet ser tisirqu. Minn dan kollu l-Qorti ma tistax tifhem kif l-Prosekuzzjoni qed tghid li l-imputat ttanta jestorcja xi flus minghand l-kwerelanti. Il-Qorti tistaqsi; x'kien il-qliegh li suppost ghamel l-imputat bl-agir tieghu u l-parte civile tghid li l-qliegh kien jikkonsisti billi kien ser jaghmel gwadan mill-fatt jekk ma jaghtix *credit note*, waqt li t-theddid, fil-fehma taghha, kienet tikkonsisti fir-rapport lil Pulizija li kien ser jaghmel.

Il-Qorti semghet bir-reqqa kollha lil imputat jixhed u jghid li hu ma kellux intenzjoni jaghmel rapport ghand il-Pulizija ghaliex effettivament ma kienx mar minn taht, peress li l-hwejjeg li allegatament kienu ser jigi misruqa, baqghu ghandu.

Il-Qorti mhux tal-fehma li l-fatti specie ta' dan il-kaz jaqghu taht l-element tar-reat ta' estorsjoni w ghalhekk mhux qed issib lil imputat hati ta'din t-tieni akkuza.

L-imputat gie wkoll akkuzat skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bid-disposizzjoni tal-artikolu 253 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa dan l-artikolu ma jipprovdi ghal ebda reat izda jipprovdi ghal dawk c-cirkostanzi meta mhux ammissibbli l-prova tal-verita tal-fatt f'reati ta' ingurja.

Illi pero, probabbilment bi zvista, l-Avukat Generali m'akkuzax lil imputat bir-reat t'ingurja kif dispost fl-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-parte civile ghamlet referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **Raffaele Said v Antonia Camilleri** [Kollazz. Vol. XXIV – iv. 480] fejn gie ritenut li:

*"Jekk r-rapport maghmul mill-imputat ikun nieqes minn xi wiehed mill-elementi necessarji sabiex tissusisti l-akkuza ta' rapport falz, allura jkun hemm lok ghal sejbien ta' htija t'ingurja gravi."*

Illi l-Qorti tirrileva li l-akkuza t'ingurja gravi taht l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tinstab taht s-sub titolu X imsejjah "Fuq l-ingurji u l-kxif ta'sigrieti" filwaqt li r-reat ta' estorsjoni jinstab taht s-sub titolu IX imsejjah "Fuq t-theddid u fuq il-vjolenza kontra l-privat", w ghalhekk ma thossx li tali akkuza t'ingurja hija kompriza w involuta ir-reat ta' estorsjoni w ghalhekk, peress li l-Avukat Generali m'akkuzax lil imputat b'dan r-reat per se, din il-Qorti ma tistax ssibu hati tieghu.

**Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat ALBERT XERRI u ghalhekk qed tillilberah minn kull akkuza.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti jew esperti nominati f'din l-kawza ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma gie nominat ebda perit jew espert w ghalhekk, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------